31987R3169

24.10.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 301/21

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3169/87

tat-23 ta' Ottubru 1987

li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 32/82, (KEE) Nru 1964/82 u (KEE) Nru 74/84 f'dak li jirrigwarda l-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni għal ċerta ċanga li għaliha jingħataw rifużjonijiet speċjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugal,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 467/87 [2], u b'mod partikolari Artikolu 18(6) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 32/82 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2688/85 [4], stabbilixxa kondizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet speċjali għall-esportazzjoni taċ-ċanga;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1964/82 [5] jistabbilixxi kondizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet speċjali ta' l-esportazzjoni fuq ċerti qagħtat taċ-ċanga bl-għadma;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 74/84 [6] stabbilixxa kondizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet speċjali ta' l-esportazzjoni fuq ċerti qagħtat taċ- ċanga dissossata;

Billi biex tiġi ffaċilitata s-sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti tal-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati għall-għoti tar-rifużjonijiet speċjali ir-Regolamenti hawn fuq imsemmija jirrikjedu l-użu ta' ċerti proċeduri, b'mod partikolari l-identifikazzjoni tal-prodotti b'marka indelibbli jew b'siġill; billi d-dispożizzjonijiet li huma bhalissa stabbiliti fir-Regolamenti hawn fuq elenkati bil-għan li jipprevenu l-prodotti in kwistjoni milli jiġu mibdula jistgħu jiġu applikati b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-kwantità tar-rifużjonijiet biss billi jirrikjedu li l-formalitajiet ta' l-esportazzjoni u, fejn approprjat, it-tqattiegħ u d-dissossar għandhom isiru fl-Istat Membru li fih l-annimali kienu nqatlu; billi r-Regolamenti fuq imsemmija għandhom għalhekk jiġu emendati f'dak is-sens

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinijoni tal-Kumitat ta' l-Amministrazzjoni taċ-Ċanga u tal-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 32/82 qed jiġi b'hekk sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din il-prova għandha tingħata permezz ta' ċertifikat, li kampjun tiegħu qed jiġi anness, maħruġ fuq talba mill-parti in kwistjoni u mill-aġenzija tal-intervent jew minn xi awtorità oħra nnominata għal dak l-iskop mill-Istati Membri li fihom l-annimali jkunu nqatlu. Dan id-dokument għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet tad-dwana meta jkunu qed jsiru l-formalitajiet tad-dwana. Dawn għandhom jitlestew fl-Istat Membru li fih l-annimali jkunu nqatlu."

2. Is-subparagrafu 4 li ġej qiegħed b'hekk jiġi miżjud ma' Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1964/82.

"4. Id-dissossar għandu jsir u l-formalitajiet tad-dwana għall-esportazzjoni għandhom jitlestew fl-Istat Membru li fih l-annimali jkunu nqatlu."

3. Il-paragrafu 5 li ġej qiegħed b'hekk jiġi miżjud ma' Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 74/84.

"5. Id-dissossar għandu jsir u l-formalitajiet tad-dwana għall-esportazzjoni jitlestew fl-Istat Membru li fih l-annimali jkunu nqatlu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu japplika għaċ-ċertifikati kif indikat fl-Annessi tar-Regolamenti (KEE) Nru 32/82, (KEE) Nru 1964/82 u (KEE) Nru 74/84, maħruġa mill-1 ta' Diċembru 1987 'il quddiem.

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 48, tas-17.2.1987, p. 1.
[3] ĠU L 4, tat-8.1.1982, p. 11.
[4] ĠU L 255, tas-26.9.1985, p. 11.
[5] ĠU L 212, tal-21.7.1982, p. 48.
[6] ĠU L 10, tat-13.1.1984, p. 32.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Ottubru 1987.

Għall-Kummissjoni
Frans ANDRIESSEN
Viċi-President